MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru. 37/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**vs**

**Mona Ibrahim**

Kumpilazzjoni Nru: 37/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mona Ibrahim, ta’ 24 sena, bint Juma Abdullah u Ibrahim Mahmoud, imwielda Saudi Arabia nhar is-7 ta’ Lulju, 1984 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf u detentrici tan-numru tal-Pulizija 08AA-001.

Akkuzata talli fis-26 ta’ Novembru, 2008 gewwa l-Belt Valletta;

1.Bil-hsieb li taghmel hsara lil Anderbraham Gebremariam Matthews u Rezenee Gebray Tevelde, akkuzathom quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dawk l-persuni huma innocenti.

2. Bil-qerq halqet jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra Anderbraham Gebremariam Matthews u Rezenee Gebray Tevelde, bil-hsieb li b’hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta’ reat.

3. Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-rat kien sar.

Il-Qorti, giet mitlbuba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija Anderbraham Gebremariam Matthews u Rezenee Gebray Tevelde u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta’ protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 101(1)(a) u 110(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li nhar is-26 ta' Novembru 2008 l-imputata marret l-ghassa tal-Pulizija il-Belt flimkien ma' ragel u hemm qalet lill-pulizija li jumejn qabel dan ir-ragel u ragel iehor kienu stuprawha. Wara investigazzjoni preliminari mill-pulizija tad-distrett il-kaz gie riferut lill-Vice Squad ghal investigazzjonijiet ulterjuri; saret ukoll inkjesta magisterjali.

Illi fil-kors ta' l-investigazzjonijiet l-imputata rrakkontat lill-pulizija f'l-24 ta' Novembru 2008 hija kienet miftehma ma' certu Rezenne Gabray Tevelde biex johorgu flimkien, iltaqghu l-Belt u minn hemm marru Paceville fejn iltaqghu ma certu Anderbraham Gebremariam Matthews u xi persuni ohra; marru f'bar u xorbu si drinks u mbaghad marru disco. Meta sar il-hin biex l-imputata titlaq, kien lahaq sar il-hdax ta' fil-ghaxija, kemm Rezenne Gabray Tevelde u Anderbraham Gebremariam Matthews telqu maghha b'taxi sal-Belt. Waslu il-Belt, u peress li l-imputata riedet tpejjep, marru ilkoll flimkien f'post li tasal ghalih permezz ta' tarag minn hdejn il-karozzi tal-linja. Irrizulta li l-imputata kienet qed tirreferi ghal dak il-post li qabel kien jintuza bhala parking area u kien accessibbli (permezz ta' vetturi) minn hdejn il-Pheonicia laundry. L-imputata kompliet tirrakkonta li hemm, wiehed minn dawn iz-zewg irgiel ried ikollu x'jaqsam sesswalment maghha pero hi ma rieditx, ghahekk hu ta daqqa ta' ponn, qattalha l-hwejjeg, zammha wiccha ma'l-art u kontra r-rieda taghha kellu x'jaqsam maghha minn wara; hi tghid ukoll li r-ragel l-iehor ma' kellux x'jaqsam maghha imma hakk il-parti tieghu man-naha ta' wara taghha. Meta ghamlu dak li riedu, wiehed minn dawn l-irgiel ha xi tlett mitt Euro (€300) li l-imputata kellha fil-but u telqu'l hemm pero hallewlha xi ghoxrin Euro (€20); b'dawn il-flus hi qabdet taxi biex tmur lura l-Open Centre fejn kienet toqghod. Hi m'ghamlet l-ebda rapport dwar dan l-akkadut pero jumejn wara kienet sejra l-Belt u fuq l-istess karozza tal-linja kien hemm Anderbraham Gebremariam Matthews; bdiet titkellem mieghu u meta niezlu minn fuq tal-linja hadietu l-ghassa tal-Belt maghha u hemm irrapportat l-istupru.

Illi kemm Anderbraham Gebremariam Matthews kif ukoll Rezenne Gabray Tevelde gew arrestati u interrogati mill-

pulizija; huma fil-waqt li cahdu dak allegat l-imputata taw il-verzjoni taghhom tal-fatti. Dak li huma qalu lill-pulizija fil-fatt irrepetewh quddiem din il-Qorti meta taw id-depoizzjoni taghhom.

Illi Anderbraham Gebremariam Matthews jghid li f'l-24 ta' Novembru 2008 huwa kien qieghed barra ma' xi hbieb meta ltaqa ma' Rezenne u l-imputata, hadu xi drinks flimkien u eventwalment telqu ghar-rashom fis-sens li hu baqa ma hbiebu u Rezenne u l-imputata telqu wahedhom. Jumejn wara kien fuq karozza tal-linja fi triqtu lejn il-Belt u hemm ra lill-imputata ma' xi zewg persuni Libjani; hi bdiet titkellem mieghu, qaltlu li Rezenne kien serqielha l-flus u ghalhekk pretendiet li hu, cioe Matthews, kellu jaghtiha xi flus. Hu rrifjuta li jaghmel hekk u l-imputata bdiet tghajjat u tiggelled mieghu u insistiet li jmorru l-ghassa tal-pulizija; marru u hemm hi allegat li hu u Rezenne kienu stuprawha.

Illi Rezenne Gabray Tevelde qal li f'l-24 ta' Novembru 2008 kien miftiehem ma' l-imputata li kien ilu jaf xi greanet; marru Paceville hemm iltaqaghu ma' Matthews u xi persuni ohra. Wara li hadu xi drinks ma' dawn il-persuni, huma marru jieklu xi haga wahedhom Paceville stess u wara telqu 'l hemm biex marru d-dar ta' Rezenne. Hemm l-imputata riedet li jkollhom x'jaqsmu flimkien pero Rezenne ma riedx; kien biss l-ghada fil-ghodu li kellhom x'jaqsmu b'mod normali. Immedjatament wara l-imputata riedet titlaq ghalhekk Rezenne mar jinhasel malajr; meta lesta u kien qed jielbes induna li l-wallet kien nieqes mill-but tal-qalziet; dan sabu fil-baskett ta' l-imputata. Meta hargu mid-dar tieghu l-imputata bdiet taqla' hafna inkwiet ghalhekk marru l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun (hu kien jghix il-Hamrun); waqt li kienu qed jistennew biex jinqdew l-imputata harbet tigri ghalhekk Rezenne telaq ukoll. Hu ma rax u ma semghax b'l-imputata qabel ma' ltaqa ma' Matthews u qallu li l-imputata qed tallega li hu serqielha xi flus u li ghamlet xi allegazzjonijiet fuqu dwar stupru.

Illi ghandu jigi rilevat li kemm Rezenne kif ukoll Matthews volontarjamernt taw kampjuni biex jigi stabbiliet id-DNA taghhom ai fini ta' ezamijiet komparattivi.

Illi kif diga ntqal, dwar dan il-kaz inzammet inkjesta u gew mahtura diversi esperti, fosthom ginekologu kif ukoll espert fid-DNA u l-konstatazzjonijiet li ghamlu dawn iz-zewg esperti b’mod partikolari huma importanti hafna. Dr Mariella Chircop, il-ginekologu, fil-waqt li kkonfermat li hadet swabs minn fuq l-imputata qalet li l-imputata ma kellha l-ebda sinjal ta’ vjolenza fuqha u lanqas ma kellha xi sinjali fizici li setghu jindikaw li hija kienet giet stuprata. Dr Marisa Cassar da parti taghha kkonkludiet li fil-waqt li l-swabs mehuda minn fuq il-persuna ta’ l-imputata kienu juru tracci ta’ likwidu seminali, dan pero ma kienx ta’ Rezenne jew ta’ Matthews.

Illi huwa relevanti ukoll li t-tabiba li l-ewwel ezaminat lill-imputata fis-26 ta’ Novembru 2008, wara li din ghamlet rapport dwar l-istupru, irrilaxxjat certifikat, konfermat b’gurament, li minnu jirrizulta li l-imputata ma kellhiex bdengiel, abrazzjonijiet jew xi sinjali ohra li hija kienet soffriet xi vjolenza; kull testijiet li saru (bhal x-rays) ukoll irrizzultaw fin-negattiv.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet xhieda ohra li kkorroboraw diversi partijiet mill-verzjoni moghtija sia minn Rezenne u sia minn Matthews.

Illi l-imputata rrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha (dik rilaxxjata meta giet interrogata bhal persuna suspettata u mhux bhala vittma) u anke tat id-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti. Il-verzjoni mghotija pero hija inverosimili u kontradetta mhux biss mill-verzjonijiet l-ohra mghotija imma anke minn fatti inkonfutabbli li jirrizultaw xjentifikament b’mod li l-imputata ma tistax titqies bhala xhud kredibbli.

Illi l-Qorti ser taghti biss xi ezempji; l-imputata tghid li f’l-24 ta’ Novembru 2008 hija ttihdet f’parking area fejn l-art hija harxa, u hemm qalghat daqqa ta’ponn, qattghulha il-hwejjeg, inzammet wiccha ‘l isfel ma’l-art (harxa) waqt li wiehed minn dawn iz-zewg irgiel kellu x’jaqsam maghha. Dan kollu ma halla l-ebda sinjal vizibbli fuq gisimha imqar xi girfa wahda jew xi bdengiela. Wara, tghid l-imputata,

qabdet taxi u marret l-open centre hekk kif kienet bil-hwejjeg imcartin u mqattghin. Il-Qorti ssibha difficli taccetta din l-asserzjoni partikolarment in vista tal-fatt li donnu hadd ma nnota xejn u ma gie rrappurtat xejn lil pulizija sa kemm hija mxiet mill-parking area, qabdet taxi, u waslet l-open centre.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-kumpless kollu tal-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li l-verzjoni korretta ta' fatti hija dik mghotija minn Rezenne Gabray Tevelde u Anderbraham Gebremariam Matthews u li konsegwentement meta l-imputata marret l-ghassa tal-pulizija l-Belt u sussegwentement irrilaxxjat stqarrija (bhala vittma) u allegat li hija kienet giet stuprata minnhom hija kienet taf li dan ma kienx minnu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali huma tlieta: il-kalunja, holqien ta' tracci ta' reat u denunzja ta' reat li taf li ma sarx.

Illi dwar il-kalunja huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li r-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 hu dak ta' kalunja reali (indiretta) u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali (diretta) kontemplata f''l-artikolu 101 billi jirrikjedi li b'qerq, l-imputat materjalment johloq jew materjalment igieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza b'l-iskop li dan il-fatt jingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel il-hsara lil dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat komtemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna[1].

[1] Ref Pulizija vs David Mizzi Appell Kriminali 16.02.1998

Illi kwantu ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9, is-simulazzjoni tar-reat, dan ukoll jinqasam f'simluazzjoni verbali (diretta) jew reali (indiretta). Is-simulazzjoni verbali tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx fil-waqt li s-simulazzjoni reali tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar. Ghalhekk l-element kostituttiv ta'dan ir-reat huwa l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li huwa qed jiddenunzja ma sehhx[2].

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputata kienet taf li Rezenne Gabray Tevelde u Anderbraham Gebremariam Matthews ma kienux stuprawha jew ghamlu xi atti ta' natura sesswali illecieti maghha ghalhekk meta hija marret ghand il-pulizija u akkuzat lilhom bil-fatti imsemmija aktar il-fuq hija kienet taf li qed takkuzahom b'reati li fil-fatt ma kenux sehhew. Konsegwentement hija ghandha tirrispondi ghar-reati ta' kalunja verbali kontemplata f'l-artikolu 101 u dik ta' simulazzjoni verbali kontemplata kontemplata f'l-ewwel parti tas-subartikolu 2 ta'l-artikolu 110. Pero ma jirrizultax li hija holqot xi tracci ta' reat jew materjalment holqot xi fatt jew cirkostanza li jistghu jingiebu bhala prova kontra z-zewg persuni minnha indikati jew kontra xi persuni ohra. Konsegwentement l-imputata ma tistax tinstab hatja tar-reati kontemplati f'l-artikolu 110(1) u t-tieni parti ta'l-artikolu 110(2).

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi bla dubbju l-Qorti ma tistax ma tqiesx in-natura tar-reati koncernati, cioe kemm in-natura tar-reati li gew kommessi mill-imputata kif ukoll in-natura ta'l-allegat reat li tieghu hija ghamlet denunzja falza. M'hemmx dubbju li bhala konsegwenza ta' l-agir taghha l-imputata mhux biss hliet

[2] Ref Pulizija vs Davis Mizzi op cit.

hafna rizorsi ta' diversi awtoritajiet kompetenti imma anke ghamlet hsara, hsara mhux biss lis-socjeta in generali, imma b'mod partikolari lil dawk il-persuni li realment isibu ruhhom vittmi tar-reati li ddenunzjat l-imputata.

Illi fattur iehor li bil-fors ghandu jittiehed in kondsiderazzjoni huwa l-fedina penali ta'l-imputata li turi li l-imputata ftit li xejn ghandha rispett lejn l-awtoritajiet kompetenti u lejn il-Ligijiet u r-regolamenti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena indikata fil-kaz in ezami hija wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hatja tat-tieni imputazzjoni u tat-tieni parti tat-tielet imputazzjoni u cioe ta' simulazzjoni reali u tilliberaha minnhom, wara li rat l-artikoli 101(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibha hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u ta'l-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni u cioe ta' simulazzjoni verbali u taghhom tikkundannaha himstax (15) il-xahar prigunerija. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputata qed tigi kkundannata thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn erbgha mija wiehed u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€2491.62) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------